# IDENTITÀ

Kitba ta' **CLIFFORD GALEA**



**Identità tal-persuna:** Lord Gerald Strickland
**Data tat-twelid:** 24 ta' Mejju 1861
**Professjoni:** Politikant u Gvernatur tal-Gżejjer Maltin
**Politika:** Partit Kostituzzjonali
**Ħidma li spikkat favur il-poplu:** Workmen Compensation Act
**Ħidma fil-pajjiż:** Bini ta' Sptar (san Luqa) u Bini ta' Ċentru ta' taħriġ għall-Emigranti

Nisimgħu u nixtarru, nikkustinjaw u nargumentaw. Imma kemm għadna niftakru u kemm nafu min huma l-għeruq umani li wassluna s'hawn? Ma nistax ngħid li ma nafu xejn imma ż-żgħażagħ inġenerali, jafu min kienu dawk l-individwi li sawru u bdew il-Partit Laburista, min ħadem għall-gid tal-ħaddiema, min bata u sofra weġgħat, min għadda minn turmenti kbar minħabba t-twemmin tiegħu?!

Sfortunatament tisma' ħafna l-famuża frażi, 'Aħna jimpurtana minn issa'. Huwa fatt li bniedem irid iħares lejn il-futur u l-preżent, imma tajjeb naghtu anke ġieħ lil dawk li ħadmu qabilna biex wasalna fejn wasalna llum il-ġurnata. Għad jgħaddi ż-żmien u aħna nkunu qed niffurmaw parti mill-istorja.

Storja ta' nazzjon li minkejja ċ-ċokon tiegħu fih il-kobor tiegħu fin-nies li kabbruh u mexxewh minn ħakkiem għal ieħor sakemm il-Malti ddeċieda li jmexxi lilu nnifsu hu. Din hija l-istorja tagħna; aspett li lili personali jagħmilni kburi immens b'pajjiżi.

Pajjiż li ġej ġejjieni sabiħ għalih grazzi għall-Partit Laburista li l-viżjoni tiegħu tgħaqqad il-passat ma' dak li qed jissawwar fil-preżent biex fl-aħħar mill-aħħar ikollna futur li tassew jixraq lilna lkoll u lil uliedna. Ejjew niskopru flimkien lill-personaġġi u l-pedamenti li ffurmaw il-Partit Laburista tal-lum b'mod aktar familjari, mill-qrib hekk kif din is-sena li ġejja fit-tmiemha dalwaqt, iċċelebrajna l-100 sena storja ta' Partit.

Min kien Gerald Strickland? Qatt smajtu bl-'istricklandjani'? Dawn fil-fatt kienu s-segwaċi tiegħu, allura mlaqqmin warajh. Lord Gerald Strickland, kien bin Walter Strickland u Louisa Bonnici Mompalao. Huwa twieled il-Belt Valletta fl-24 ta' Mejju 1861. Strickland studja kemm f'Malta, fl-Ingilterra u anke fl-Italja.

Hu beda jieħu sehem attiv fil-politika Maltija ta' età żgħira u kien imfaħħar ħafna saħansitra minn Dottor Fortunato Mizzi tant li akkumpanjah meta tela' Londra għal taħditiet għall-Assemblea Leġiżlattiva. Ir-riżultat ta' dawk it-taħdidiet kien li l-Kostituzzjoni l-ġdida ta' Diċembru 1887 kienet imfassla fuq il-proposti ta' Lord Strickland u Dottor Mizzi stess.

Fl-età żgħira ta' 28 sena, hu ġie elett fil-Kunsill tal-

> **"Fl-1933 ġie deċiż li l-pajjiż ma kienx f'mument li jsiru l-elezzjonijiet u kellhom jgħaddu sitt snin sal-1939 meta daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni l-Ġdida u Strickland sar mexxej tal-maġġoranza eletta fil-Kunsill tal-Gvern. Strickland qatt u qatt ma qata' qalbu!**

"

**Nerga' ntenni li wieħed mill-akbar proġetti taħt il-Gvern tiegħu kien il-bidu tal-bini tal-Isptar San Luqa, li baqa' jintuża bħala sptar ġenerali sa ftit snin ilu. Dan l-isptar swielu wkoll ta' inkwiet fil-karriera politika tiegħu**

Gvern bħala rappreżentant tan-nobbli u s-sidien tal-artijiet fis-sena 1887. Fl-1888 hu kien nominat bħala Segretarju Prinċipali tal-Gvern, kariga li żamm sal-1902. Lord Strickland kien appuntat Kumpann tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ fl-1889 bħala rikonoxximent tas-servizz importanti li ta waqt l-epidemija tal-kolera li kienet laqtet lil Malta.

Lord Strickland kien ukoll Gvernatur ta' Leeward Islands fl-Indja tal-Punent (1902-1904), it-Tażmanija (1904-1909), l-Awstralja tal-Punent (1909-1912) u New South Wales (1912-1917). Dan kollu għamluh (jiġifieri bagħtuh Gvernatur barra minn xtutna) għax kienu jibżgħu minnu li se jkollu saħħa kbira u popolarità mal-Maltin.

Però, hekk kif Malta ngħatat id-dritt li tiggverna lilha nnifisha Lord Strickland ġie lura Malta u fforma l-Partit Anglo-Maltese fl-1921 u wara ftit xhur il-Partit ingħaqad mal-Partit Kostituzzjonali Malti u ffurmaw il-Partit Kostituzzjonali taħt it-tmexxija tiegħu. Hu kien Kap tal-Oppożizzjoni bejn 1921 u l-1927. Fl-1924, Lord Strickland rebaħ is-siġġu ta' Lancaster għall-Koservattivi fil-House of Commons tal-Ingilterra.

Strickland għamel alleanza mal-Partit Laburista fl-elezzjonijiet tal-1927, u kellu l-maġġoranza fl-Assemblea Leġiżlattiva. B'hekk sar Kap tal-Ministri (ir-raba' Prim Ministru bejn Awwissu 1927 u Ġunju 1930). Nerga' ntenni li wieħed mill-akbar proġetti taħt il-Gvern tiegħu kien il-bidu tal-bini tal-Isptar San Luqa, li baqa' jintuża bħala sptar ġenerali sa ftit snin ilu. Dan l-isptar swielu wkoll ta' inkwiet fil-karriera politika tiegħu.

Fil-fatt, bħal kull politiku, Lord Strickland kellu diżgwit tul it-tmexxija tiegħu u naraw li dan ġara mas-Senat li wassal biex inħarġet ordni biex jitnaqqsilhom il-poter. Fl-istess waqt kellu wkoll diżgwit mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi li wassal għas-sospensjoni tal-Kostituzzjoni fl-1930; liema żmien kien ftit diffiċli għall-poplu anke fejn wieħed juri l-fehmiet tiegħu.

Fil-fatt, l-Arċisqof ta' Malta Mauro Caruana u l-Isqof t'Għawdex Mikiel Gonzi ħarġu ittra pastorali fejn fiha qalu li min jivvota għall-Partit Kostituzzjonali u għal dak il-partit li għamel koalizzjoni miegħu, jiġifieri l-Partit Laburista, ikun qed jagħmel dnub mejjet. Fl-istess sena, Strickland sarlu attentat ta' qtil fuq ħajtu.

Bejn Lulju tal-1932 u Novembru tal-1933 hu reġa' kien Kap tal-Oppożizzjoni. Fl-1933 ġie deċiż li l-pajjiż ma kienx f'mument li jsiru l-elezzjonijiet u kellhom jgħaddu sitt snin sal-1939 meta daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni l-Ġdida u Strickland sar mexxej tal-maġġoranza eletta fil-Kunsill tal-Gvern. Strickland qatt u qatt ma qata' qalbu!

Fatt interessanti huwa li Lord Strickland kien ukoll is-sid u direttur tal-Progress Printing Company u ta' *The Times of Malta*. Kien impost ukoll id-dnub il-mejjet fuq dawk li jaqraw il-gazzetti li jiġu stampati mill-istamperija tiegħu fosthom: *The Daily Malta Chronicle* u *Ix-Xemx*. Aktar tard bdew jiġu ppubblikati *Il-Progress* u *Il-Berqa*.

Lord Strickland iżżewweġ fl-1890 lil Lady Edeline Sackville; u minn dan iż-żwieġ kellhom tmint itfal. Fl-1926 Gerald Strickland iżżewweġ għat-tieni darba lil Margarete Hulton. Hu miet fir-residenza tiegħu, Villa Bologna f'Ħ'Attard u kien midfun fil-kappella tal-familja fil-Katidral tal-Imdina.

Din hija ftit informazzjoni dwar dan il-personaġġ importanti, illum il-ġurnata storiku, li kien pijunier f'ċerti ideat bikrin tal-Partit Laburista fosthom l-idea li jaħseb fil-ħaddiema bħal pereżempju billi daħħal il-Workmen Compensation Act. Tiddejqu xejn anke tagħmlu kuntatt miegħi fuq l-email cliffordgalea@gmail.com għal iktar tagħrif jew inkella biex tagħtu xi informazzjoni jew suġġerimenti oħra.

*Referenzi:*
*Montalto, J., "The Nobles of Malta-1530–1800", Midsea Books Ltd, Malta, 1980.*